# IT-TWAVEL PROTO-FENIĊI TA' RAS XAMRA

*F'"The Journal of the Royal University of Malta Literary Society" ta' Ġunju 1939, il-W. M.* C.L. DESSOULAVY PH.D.,F.Z.S., *li l-ħidma tiegħu għall-Malti kullħadd jafha, kiteb artiklu sabiħ ħafna fuq it-twavel qodma li nstabu f'Ras Xamra mill-1929 'il hawn. L-artiklu deher taħt ir-ras "The Proto-Phoenician Tablets of Ras Shamra." Il-kittieb jurina fiex il-kitba ta' dawn it-twavel taqbel mal-Malti :—*

Ras Xamra, jew aħjar Ras ex-Xamra, hu l-isem mogħti lil biċċa art fix-xtajta tas-Sirja tat-tramuntana. B'dan l-isem li ġej mill-Għarbi, insibu dik ix-xitla li f'Malta hi magħrufa bl-isem *busbies.* Bħalma f'Malta nsibu li Ras il-Għallis ħadet isimha minħabba li hi mgħottija bil-għallis, hekk ukoll dir-ras ta' art ħadet isimha mill-busbies li jikber fuqha. Billi, sa snin ilu, ħadd qatt ma basar bis-siwi arkeoloġiku tagħha, Ras Xamra għad ma bdietx tidher fil-mappi. Madankollu ma tridx wisq biex issibha f'xi mappa daqsxejn kbira, għax dan il-post jiġi qrib il-grigal ta' Ċipru. F'dan il-post, li jaħbat tlittax-il kilometru lejn it-tramuntana ta' Latakja, il-qadima Laodiċea, instab li kienet il-Belt ta' Ugarit, belt li tissemma darbtejn fl-iskrizzjonijiet ta-Tell Amarna. Sa ftit ilu kienu jaħsbu li Ugarit kienet wisq iktar lejn nofs in-nhar fin-naħa ta' Tiru. Malajr nifhmu għaliex kien hawn din il-belt: għandha post sabiħ u qrib ħafna ta' Ċipru, mnejn kienet tiġi l-biċċa l-kbira tar-ram, li kien ta' ħtieġa kbira fi Żmien il-Bronż. Il-kelma Ingliża *copper* ġejja mill-kelma Ċipru. Kien hemm xogħol kbir tal-ġarr bejn Ċipru u l-Mesopotamja li mħabba fiha Ras Xamra kibret ħafna billi l-iġfna kienu jinħattu hemm u t-tagħbijiet jinġarru għal fuq il-karwani. Il-kixfiet tal-għaġeb li għamel il-Gvern Franċiż juruna illi Ras Xamra kien l-imkien fejn kienu jiltaqgħu ħafna ġnus. Donnha ilha mgħammra minn żmien it-tnax-il Dinastija Eġizzjana. Aħna m'għandniex x'naqsmu max-xogħlijiet kbar ta' l-Arti li nstabu hemm, imma mas-sensiela twavel li nkixfu hemm bla ħsieb. Xi ftit minn dawn it-twavel, li huma kollha b'kitba musmarija, huma miktuba bl-Akkadi, u s-Someri, oħrajn b'ilsien Semi li bl-għaġla kollha sejħulu Feniċ. Aktarx li dawn it-twavel ilhom minn żmien is-saltna ta 'Amenhotep IV, magħruf ukoll bl-isem ta' Akhnaten.

Din il-kitba jgħidulha musmarija għaliex hi magħmula minn ifilsa żgħar jew tinqibiet għamla ta' musmar fuq it-tafal niedi li wara kienu jnixxfuh. Dawn is-sinjali fuq it-twavel "Feniċi," barra mix-xebh fuq fuq li għandhom imħabba li kienu magħmulin mill-ifilsa, m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-kitba musmarija magħrufa Sumero-Akkadja. Minn dawn is-sinjali jew ittri f'Ras Xamra tnejn u tletin biss, l-eqdem kitba alfabêtka. It-twavel instabu kollha mill-1929 'l hawn u milli jidher kien hemm maqdes u kulleġġ fejn kienu jitħarrġu l-qassisin żgħażagħ. Ħafna minnhom huma żgħar u ta' għamla mhux bħall-oħra u kollha ftit jew wisq imgħarrqa bil-ħruq li qered Ugarit għall-ħabta tat-tmiem tas-seklu tnax Q.K. It-twavel naddfuhom f'Pariġi u Verolleaud ittraskriva xi wħud minnhom u ppublikahom fil-qari "Syria." B'din it-traskrizzjoni quddiemhom, P. Dhorne O.P. ta' Ġerusalem, Hans Baner ta' Halle u Verolleaud innifsu fi ftit xhur irnexxielhom ifissru l-ittri kollha. Minn dak in-nhar 'l hawn it-test tagħhom kien studjat minn Gaster, Friedrich u oħrajn.

L-ittri kollha li huma magħmula minn daqqiet dritti, ħaġa tal-għaġeb, għadhom kif kienu imma meta nsibu xi ittra b'żewġ daqqiet imsallba hi aktarx imċajpra. Naqxa dritta u wieqfa tfisser G; żewġ daqqiet bħal dawn weqfin ħdejn xulxin tfisser S u tlieta L. Waħda mimduda toqgħod għat-Taw, tnejn mimduda waħda fuq l-oħra turi P (jew F) u tlieta fuq xulxin H. Żewġ naqxiet weqfin imdaħħla ġo xulxin ifissru Z. Tlieta mwaqqfa ġo xulxin Kha. Din l-ittra tal-aħħar imtennija tfisser I. Jekk l-ittra Z tkun mimduda tfisser A, waqt li l-ittra Kha mimduda tfisser N. Aktarx li l-għamla ta' l-ittra Samech, hi ħaġa waħda bħal dik ta' Kha, biss din hija wieqfa waqt li l-oħra mimduda. R tixbah lill-K b'żewġ daqqiet oħra fil-bidu. L-U mhix ħaġa oħra għajr l-ittra K b'żieda ta' daqqa oħra fit-tarf. M'għandniex inħalltu l-ittra Teth (li m'għandha x'taqsam xejn ma' Taw) ma' Ħa, li tidher bħalha għalkemm għandha daqqa oħra.

Il-għamla ta' l-"għajn" hi daqqa mmejla. L-ittri S u X ma humiex bħal xulxin, imma ma nistgħux ngħarfuhom. Jien ngħid illi l-għamla ta' X hi ta' żewġ daqqiet immejla u msallba bħal X Maltija. L-h-, ħ, kha jingħażlu minn xulxin hekk kif nagħżluhom fl-Għarbi u fid-dizzjunarju ta' Falzon. Xi wħud mill-ittri għandhom suriet oħra, bħal ma ngħidu aħna is-*Samech* (li nsibuha kull fejn jużawha l-Lhud). L-ittra Alef tista' tinkiteb f'seba' għamliet, għal kull waħda mill-vokali li tista' tfisser. Hemm kelma li ssibha ħafna, li fil-Malti tfisser *daħak* li għandha l-aħħar ittra Q, fil-waqt li fl-ilsna semin insibu K. Din insibuha

biss f'Ras Xamra (1). Xi minndaqqiet niltaqgħu ma' xi għeltijiet li malajr tintebaħ bihom. Dawn huma aktarx ħtija ta' min ikkupjahom b'moħħ imxerred u nesa jqiegħed l-għadd kollu ta' daqqiet, u b'hekk biddel ittra f'oħra.

Kienu jiktbu mix-xellug għal-lemin bħall-Assiri u l-Etjopi u bħalna imma mhux bħall-Feniċi, il-Lhud u s-Sirjak. F'xi wħud mit-twavel kelma hi mifruda minn oħra b'naqxiet dritti, u rqaq u iżgħar minn dawk tal-ittri. F'żewġ twavel insibu l-*colofon* bla mittiefsa xejn u nafu li l-kittieb ta' dawn it-twavel kien ELMLK. Dana l-isem jaqbel ma' isem missier żewġ Ruth, tal-Bibbja, Elimelek. Dan il-kittieb kien skular ta' qassis li kellu isem Masri. Hemm twavel li huma miktuba b'reqqa iktar minn oħrajn. Jista' jkun li din kienet kitba ta' tfal ta' l-iskola, li, bla ma riedu, inżammet sħiħa għal ta' warajhom.

Dawn it-testi kienu msejħa "Feniċi" il-għaliex Ras Xamra taħbat fit-tramuntana tal-Feniċja; għax il-plurali jispiċċaw b'M u qatt b'N bħal fil-Malti u għax il-kitba hi nieqsa billi tħalli barra l-*Matres lectionis* eċċ. Is-sewwa hu illi dan l-ilsien ma jaqbelx f'kollox ma l-ebda lsien li nafu bih, iżda għandu tixbih qawwi mal-Akkadju, mal-Lhudi, mal-Għarbi u mas-Semitku ta' Nofs in-nhar. Forsi l-aħjar insejħulu "Proto-Feniċ" jew "Feniċ Ewlieni".

Billi ili naħdem ħafna f'dizzjunarju Semi-komparativ, ħassejt id-dmir illi għandi ndaħħal fih il-kliem ġdid ta' Ras Xamra. Billi kont naf illi l-Maltin jinteressaw irwieħhom f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Feniċi, ħsibt illi jifirħu jekk nurihom x'hemm jaqbel bejn l-ilsien ta' Ras Xamra u l-Malti.

Nista' ngħid illi f'Ras Xamra l-artiklu ma jafux bih. Il-*verb enerġiku* N issibu ħafna kif ukoll fis-Semi ta' Nofs in-nhar u fl-Għarbi Klassiku. Ta' sikwit insibu l-*l* mqiegħda quddiem il-verb biex ittih tifsira ta' kmand. Il-verbi li jfissru l-egħmejjel tal-allat huma mfissra fil-maskil u biex nifhmuh irridu naħsbu li hu ġens raġel tal-"ġieħ". Hemm ukoll xi verbi prepożizzjonali; SMGħ (sama') jieħu l-*l* warajh. Hemm xi eżempji ta' plurali miksura. Fil-Malti għandhom plural interessanti : ***bnedmin*** li ġejja minn ***ibn-adam***. F'Ras Xamra hemm ukoll ħafna kliem imtenni li jibda b'***ibn*** jew ***ben***, li jagħmlu l-plural billi jiżidu għelm il-plural mat-tieni kelma minflok ma' l-ewwel waħda.

Qabel ma ngħaddu biex niflu l-kliem, ma nagħmlux ħażin jekk nagħtu daqqa t'għajn lill-mitoloġija ta' Ras Xamra, għax dan huwa s-suġġett ta' ħafna mit-twavel.

(1) Waqt li l-kotra tal-Maltin tgħid "daħak", tal-Belt jgħidu "daħaq". (Nota tad-Dir.)

F'Ras Xamra l-alla ewlieni kien EL, li xi mindaqqiet jissejjaħ *alla gendus;* iżda hu mbiegħed ħafna u ftit jidher. Imbagħad kien hemm BGħL u ALEJN BGħL, li xi drabi jidher li kien l-istess wieħed, għalkemm f'xi bnadi oħra, Alejn jissejjaħ iben Bagħal. Wara dan kien hemm MT (jew Mot, bil-Malti Mewt) li jiġi iben EL u AXERA tal-Baħar, il-kbira alla-omm. Billi EL, il-missier, kien gendus l-iben jəħbat alla-għoġol. B'dan kollu dawn l-allat, nisa u rġiel kollha jitħaddtu u jaħdmu bħal kieku kienu bnedmin.

Imbarra minn AXERA, l-alla mara ewlenija kienet il-Verġni ANAT (BTLTGħNT). Fil-Bibbja tagħna, li għandha bħala sies tagħha l-Bibbja Lhudija Massoretika, dan l-isem kull fejn jidher jinkiteb Anath. Issa sirna nafu li din il-kelma ma tinkitebx hekk. L-aħħar ittra trid tkun Ta mhux Th, għax kieku f'Ras Xamra din kienet tkun Xin. Il-Verġni Anat hi oħt Alejn Bagħal: minn kienu l-wellieda tagħhom ma nafux. Kienet alla tal-gwerra. Għalkemm dejjem insibuha msejħa l-Verġni, iżda f'test wieħed hi ssemmi 'l binha, u f'ieħor insibu wkoll li kienet tredda'. F'iskrizzjoni bil-Feniċ u bil-Grieg tar-raba' seklu Q.K. mitbugħa fil-"Ġabra ta' Iskrizzjonijiet Semin" (I, 95) insibu l-Anat imqabbla ma' l-alla mara Griega Ateni. Hekk ukoll f'iskrizzjoni ta' xriek funerarju li qiegħed fil-*British Museum* u li għadu minn żmien id-Dinastija dsatax, jiġifieri minn żmien it-Twavel tagħna, Anat hi mpinġija b'libsa Masrija, iżda b'għeliem li jfakkruna f'ta' l-alla mara Ateni ta' żmenijiet aktar lura. Hekk wieħed jistagħġeb jekk Ateni l-Griega daħletx fil-Greċja mis-Sorija.

Bagħal hu "rikkieb is-sħab". Hu l-alla tal-beraq, tar-riħ u x-xita. Leħnu hu r-ragħad. Mela Bagħal huwa fuq kollox alla ta' żmien ix-xita, tax-xitwa u tar-rebbiegħa bikrija. Kienu jitolbuh jinżel fl-art. Hu kien jinżel f'għamla ta' xita; jindifen fil-ħamrija u jerġa' joħroġ bħall-fwawar. Mot, min-naħa l-oħra hu alla tas-sajf u tan-nixfa. Narawh qiegħed joqtol lil Alejn Bagħal meta x-xita tax-xitwa tieqaf. Imbagħad naraw il-Mot in-nifsu maqtul minn Anat, maħrut, imfarrak, imderri, imnixxef u midħun fi dqiq jew imxerred fl-art biex jittiekel bħallikieku kien "Laħam Mot"; il-kelma hija *x'er* bħal-Lhudi : Il-mewt ritwali ta' Bagħal u Mot billi taħbat mal-fenomeni ta' bdil l-istaġuni bil-fors li kienet issir kull sena; iżda darba kull seba' snin Mot kien jistrieħ u ma kienx jisfa maqtul. Din hi l-ewwel darba li nisimgħu bid-drawwa Qangħanija tas-sena sibtija meta l-uċuh ma kenux jinħasdu u l-art imħollija tistrieħ.

M'hemmx għalfejn ngħidu dawn it-testi huma ta' tagħlim kbir imħabba t-tagħrif ġdid li jagħtuna fuq il-mitoloġija tal-qedem. M'għandniex naħsbu li l-mitoloġija hi bla tibdil. L-istejjer ta' l-allat issibhom kullimkien hekk imħawda u mħallta illi mhux la kemm torbothom f'sensiela waħda.

Issa niġu għal-lista magħżula ta' kliem Xamri. Billi f'Malta ma ssibx ittri b'ponot dijakritki, dan il-kliem ktibtu b'ittri Maltin. Inqdejt b'Ħ għal Kha ukoll. L-għajn għamiltha Għ, u wrejt bl-S it-tliet ittri ta' Ras Xamra.

## *KELMIET IL-GĦERQ LI JIBDEW B'KONSONANTI DGĦAJFA.*

| *R. X.* | *M.* (1) | *R.X.* | *M.* | *R.X.* | *M.* |
|---|---|---|---|---|---|
| AĦI | ħija | AĦR | aħħar | IM | jum |
| AĦK | ħuk | TEKL | tiekol | IDH | idu |
| IEĦD | jieħu | AN | jien | TLDN(4) | twieled |
| TEĦD | tieħu(d) | IEHB (3) | iħobb | LIMN | lemin |
| EPDK (2) | — | | | EMI / UMI (5) | ommi |

(1) *R.X.*, Ras Xamra. *M.*, Malti.

(2) Il-kelma EPDK hi ta' interess kbir imħabba li nsibuha fil-Bibbja, imma t-testi ta' R. X. ma jixħtu l-ebda dawl ġdid fuqha.

(3) Fil-kelma IEHB insibu l-H bħal fis-Samaritan.

(4) L-aħħar N tal-kelma TLDN hi l-N tas-saħħa.

(5) L-ewwel ittra tal-kelma EMI għandha ħoss ta' E f'xi kliem, imma billi hi l-ewwel kelma ta' l-isem tal-Belt Ugarit, aktarx xi drabi kienet tinstama' U.

## B.

| *R.X.* | *M.* | *R.X.* | *M.* |
|---|---|---|---|
| BD | b'idu | BN | bejn |
| BDK | b'idek | BNIDM(2) | bejn l-idejn |
| BĦRT (1) | bħur | BN | iben |
| TBKINH (N tas-saħħa) | tibki | | |

| *R.X.* | *M.* |
|---|---|
| BNI | ibni |
| BNKM | binkom |
| IBN | jibni |
| TBRKK (3) | tberkek. |

(1) Ħafna plurali f'R.X. huma magħmula billi żżid T li taqbel mal-Malti *-iet*.

(2) F'R.X. din il-kelma tfiisser *sider*, fejn wieħed jieħu d-daqqa tal-lanza. *Bejn* ma nsibuha fl-ebda kitba Feniċja, stampata fil-"Ġabra"

(3) F'dil-kelma l-aħħar ittra hi mtennija għax tidħol vokali, il-bqija ma nsibu l-ebda konsonanti mtennija.

## D

| R.X. | M. | R.X. | M. |
|---|---|---|---|
| DBĦ (1) | debaħ | DQN (3) | daqna |
| DKRM (2) | — | DR | dar |
| DM | demm | DR EL | dar Alla |
| DMGĦT | demgħat | | |

| R.X. | M. |
|---|---|
| DRGĦ (4) | żerriegħa |
| TDRI | dderri (tderri) |
| DRKTH (5) | trieqatu. |

(1) Hawnhekk l-ewwel ittra hi D bħal fl-Aramajk, fl-Għarbi u fil-Malti u mhux bħal fl-ilsna semin l-oħra hi Z. F'wieħed mit-testi din il-kelma hi miktuba ħażin billi l-aħħar kelma hi H. Dan juri illi n-nies tal-qedem kienu jagħmlu l-istess għelt li nagħmlu aħna.

(2) Hawnhekk nerġgħu nsibu D bħal ma nsibu fl-Aramajk, fl-Għarbi u fil-Malti u mhux bħal l-ilsna l-oħra. Il-Malti tilef dan it-tifsir ewlieni ta' din il-kelma imma jżommha fl-ismijiet tal-biedja bħal ma huma *dakkar*, *tidkir*. L-isem qadim ta' l-imkien f'Malta *Dokkar* kien ifisser is-siġra tat-tin raġel.

(3) Hawnhekk nerġgħu nsibu wkoll l-istess D bħal ma sibna fil-kelmiet DKRM, DBĦ.

(4) F'din il-kelma nsibu D (F'R.X.) fejn l-ilsna semin l-oħra għandhom Z.

(5) Il-kelma Għarbija *tariq*, bil-Malti *trieq*, kienet kelma meħuda b'tifsir reliġjuż, mill-kelma Lhudija *derek*, bl-ewwel u l-aħħar ittri mħassra. Din il-bidla tixbah ħafna lill-kelma Maltija *tarġa* minn *daraġa*.

## P (F)

| R.X. | M. | R.X. | M. | R.X. | M. |
|---|---|---|---|---|---|
| PĦL | faħal | PGĦLK (2) | fagħlek | PRT | fort |
| PĦM | faħam | PĦR (3) | faħar | IPTĦ | jiftaħ. |
| TPL (1) | — | IPRQ (4) | jifroq. | | |

(1) Trid tieħu fit-tul wisq biex tispiega kif ma' tul iż-żmien din il-kelma bidlet it-tifsir tagħha sakemm f'Falzon insibu li *fell* bdiet tfisser *xorti*.

(2) Fid-dizzjunarju ta' Caruana nsibu dan il-qawl: "Agħmel fagħlek" Fejn l-aħħar kelma taqbel ħafna mal-kelma ta' R.X.

(3) Din il-kelma ħadet it-tifsir li jagħtuha l-Maltin illum mill-ftaħir li kien ikun hemm f'dawn il-laqgħat. Din il-kelma tfisser *laqa'*

(4) Fil-għamla din il-kelma taqbel mal-kelma Maltija *jifroq* iżda f'R.X. tfisser aktarx dejjem *taqsam bid-daħk*. Jista' jkun li x-xebh Malti hu aktarx ma' *jifraħ* li nsibuha fl-Għarbi u fil-Malti biss.

## G

| R.X. | M. | R.X. | M. | R.X. | M. |
|---|---|---|---|---|---|
| GN | ġnien | GD | gidi | GMSM | gemus (1) |

(1) Plural ta' xi ġemus, bhima.

## Għ

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| GħGL | għoġol | GħSR (1) | għasfur | TGħN (2) | tgħanni |
| GħLN | għalina | GħN | għajn | | |
| GħLI | għoli | GħNBM | għenbiet | | |
| NGħL | nogħlew | IGħN (2) | għanna. | | |

(1) Fl-ilsna semin kollha minn barra xi kelma 'l hawn u 'l hemm din il-kelma iddaħħal F barranija bħal fil-Malti għasfur.

(2) Din il-kelma hi ta' interess kbir. Fil-Malti *tgħanni* tfisser *hi tkanta;* minn hekk naraw illi kelma li fl-imgħoddi kienet tfisser twieġeb biż-żmien ħadet tifsir mużikali. Fl-Ingliż meta ngħidu *response* aktarx nifhmu it-tifsir mużikali. Fl-ilsna kollha, kliem li jfisser *tkellem* biddel it-tifsira tiegħu. Ngħidu aħna fil-Malti *igħid* fil-bidu ma kinetx tfisser bħal-lum imma *jtenni.* Araw l-osservazzjonijiet li għamilt iktar 'il quddiem fuq IQRA u ISĦ.

## H

| R.X. | M. | R.X. | M. |
|---|---|---|---|
| HU | hu, huwa | HM | huma |

## Ħ (Kħa)

| | | | |
|---|---|---|---|
| ĦBS | ħabs | ĦBT | ħabat |
| ĦIT (1) | ħajja(t) | ĦMS | ħames |
| ĦKM (2) | għaref (ħakem) | IĦRT | jaħrot |
| ĦRB (3) | ħarb | ĦKMT | ħkimt |
| TĦRR | ħarrra | ĦLB (4) | ħalib |

| RX. | M. |
|---|---|
| BĦLM | b'ħolma |
| ĦPR | ħafar |
| ĦMRM (M tal-plural) | ħmir |
| ĦSR (5) | ħasira |
| ĦLS | ħallas |
| ĦNZRK (6) | ħnieżrek. |

(1) Fil-Malti hemm it-t marbuta (ħajjietek).

(2) Billi l-imħallfin aktarx kienu jkunu għorrief fil-Malti hemm ħafna kliem bħal dan: inħakem, ħkimt.

(3) Dari din il-għodda kienu jinqdew biha għal żewġ ħwejjeġ. Biha Anat qatel 'il Mot.

(4) It-twavel jgħidulna li l-għoġol hu msajjar fil-ħalib (BĦLB).

(5) Mill-qagħda, fil-kitba li għandha din il-kelma, nieħdu li tfisser xi ħaġa fil-bieb tal-maqdes. Nistgħu nqabbluha mal-kelma Maltija *ħasira*. Is-siwi ta' l-aħħar ittra m'aħniex żguri minnu.

(6) Bagħal, alla l-kbir tat-taqlib fl-ajru kien imsieħeb minn seba' ħnieżer. F'din il-kelma għandna eżempju tal-plural miksur.

## K

| *R.X.* | *M.* | *R.X.* | *M.* | *R.X.* | *M.* |
|---|---|---|---|---|---|
| KBKB | kewkba | KLBNT | bniet kollha | KN (1) | kien |
| KBKBM | kwiekeb | KLB | kelb | KLAT(2) | kejjel |
| KBKBT | kewkbiet | KS | kus | IKS | jiksi |
| KTTN | kittien | KTP | kitf. | | |

(1) Din il-kelma xi mindaqqiet titqiegħed quddiem il-preżent ta' xi verb, u naħiseb li taqbel ħafna mal-Malti *kien*. Hemm ukoll in-nom KNT, li jfisser *verità, sewwa*, iġifieri dak li *jkun*.

(2) Din il-kelma tfisser aktarx xi kejl u milli jidher l-għamla tagħha hi bħal dik ta' qabel, mill-kelma Semija KAL, bil-Malti *kejjel*.

## L

| *R.X.* | *M.* | *R.X.* | *M.* | *R.X.* | *M.* |
|---|---|---|---|---|---|
| L | l | LB(1) | — | — | — |
| L | li | LBS | lbies | LQT | laqqat |
| LK | lek | LḤM (2) | laħam (ikel) | LSNI | lsieni |
| LKLHOM | l'kollhom | LḤM (3) | leħjiet. | | |

(1) Fil-Malti u fil-Għarbi, din il-kelma Semija qadima ġiet imġennba u f'lokha daħlet *qalb*. Madankollu għad fadal xi ħaġa minn din il-kelma bit-tifsir qadim tal-kelma *lebleb*—(*ħabtet il-qalb*).

(2) Insibu wkoll f'R.X. verb miktub hekk li jfisser *tama'*. Fil-Malti, wkoll *laħħam* tfisser *issemmen*.

(3) Din hi kelma oħra li għalkemm tinkiteb bħal ta' qabilha hi l-plural tal-kelma *leħja* (fil-Malti). Ix-xebba Anat taptpet ħaddejn (LḤT) ħuwa l-mejjet.

## M

| *R.X.* | *M.* | *R.X.* | *M.* | *R.X.* | *M.* |
|---|---|---|---|---|---|
| MḤ | moħ | MNN | minna | MR | morr |
| MLA | mela | MNM | minnhom | MT | mejjet |
| | | | | MT ID (1) | mejt l-ld |

## N

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| NBT (2) | inbit | NPS | nifs | DM UNPS | demm u nifs |
| NPI | noffa | BNPSH | b'nifsu | NR | nar |

(1) Tregħid tal-idejn. Din il-kelma tfakkarna fil-kelma Maltija *mejt*, għalkemm tingħad għall-*id imriegħda* u *mhux għar-ras*. L-aħħar ittra ta' l-ewwel kelma hi *teth* u mhux *taw* u l-kelma m'għandha x'taqsam xejn ma' *mewt*.

(2) Din tfisser xi meraq, li milli jidher kienu jużawh fil-maqdes. Ta' siwi inqas minn ta' l-inbid. Qabbel il-kelma Maltija *nbid*.

## Q

| *R.X.* | *M.* | *R.X.* | *M.* | *R.X.* | *M.* |
|---|---|---|---|---|---|
| TQBR (1) | qabar | TQL | taqli | IQRA (3) | jaqra |
| QDS | qaddis | IQM | iqum | IQBR | joqrob |
| QLH | qawl | QMĦ | qamħ | QRNM (4) | qarn |
| QLH QDS | qawl u l-qaddis | TQTNSN (2) | qabbel "Qanigħa" | QS | qiss |

(1) TBKINH UTQBRNH — (ix-xebba Anat) bkiet (Alejn Bagħal) u difnitu. Iż-żewġ verbi għandhom l-N tas-saħħa. Il-Malti tilef din il-kelma imma żamm in-nom qabar.

(2) Dal-verb huwa tat-tmien sura Għarbija tal-għerq *qanas*. Fl-Afrika tat-tramuntana l-kelma Maltija *qanżħa* tfisser (kif jgħid Helot) iż-żaqq il-ġuf.

(3) IQRA BNSPH — hu qara (qal) b'nifsu. Fis-semitiku qadim IQRA kienet tfisser *tkellem igħajjat* jew *sejjaħ*. F'R.X. tfisser biss *qal*.

(4) QRNM—qarnejn—L-M ta' l-aħħar hi l-għelm tal-plural imtenni. Il-qrun huma dawk ta' Bagħal, li skond it-twavel ta' R.X. jilbes elmu mżejjen b'qarnejn.

## R

| *R.X.* | *M.* | *R.X.* | *M.* | *R.X.* | *M.* |
|---|---|---|---|---|---|
| RES | ras | RBGħ } ARBGħ } | raba' | RBK | rikkieb |
| RESHM | rashom | | | IRTQS (1) | jonqos |
| RBGħ | ir-raba' jum | RHK | ruħek | | |

(1) Dan il-verb hu tat-tmien sura Għarbija. L-aħħar ittra taqbel ma' l-Għarbi u l-Malti imma mhux mal-Lhudi.

*S* (*Samek*) *Ṣ*. (*Tsade*) *Š*. (*sin*) *X* (*xin*). (1)

| *R.X.* | *M.* | *R.X.* | *M.* | *R.X.* | *M.* |
|---|---|---|---|---|---|
| ISTRN | jistor | SGħRT | xagħriet | SMGħ | sama(għ) |
| SSU (2) | sus | SPTHOM | xofftejhom | SMM | sema |
| ESBGħTH | swaba' tiegħu | SGħRM (5) | xgħir | SMN | simna |
| SBĦ | sbiħ | ISĦN | jisħon | SQI | jisqi |
| ASD (3) | sajjied | SBGħSNT | seba sena(t) | TSTĦWI | tistħi |
| ISĦ | ssieħ tsieħ | ISLMLK | issellemlek | SUS | sus |
| GħSRH | għaxra | SMK | ismek | XN | itnejn |
| ESMAL(4) | xmieli | SMT | ismijiet | XLX | tlieta |
| ISBGħ | jixba' | SBIN (6) | — | XR | tawr |

(1) Is-Sin u x-Xin fil-Lhudi għandhom għamla waħda għalkemm il-lum jagħżluhom waħda minn oħra billi jqiegħdu tikka 'il fuq in-naħa tax-xellug biex jagħirfu is-Sin u tikka 'l fuq in-naħa tal-lemin għax-Xin. F'R. X. dawn iż-żewġ ittri m'għandhom x'jaqsmu xejn bejniethom. Imma ħadd għadu ma jaqbel ma' l-ieħor liema hi s-Sin u x-Xin. Kif jaf kulħadd l-S fil-Malti u fl-Għarbi taqbel max-Xin Lhudija u bil-maqlub. Issa R.X. daqqa taqbel mal-Lhudi u daqqa mal-Għarbi u l-Malti. R.X. taqbel mal-Lhudi fi kliem, ngħidu aħna BSRTX, bil-Malti *baxxartek.*

(2) Il-Malti, bħall-ilsna Semin,tilef din il-kelma qadima biex ifisser *żiemel*; imma baqa' xi fdal ta' din il-kelma fil-verb *sies* li jfisser *mexxa ż-żiemel bil-għaġla.*

(3) *Jien nistad*—bl-istess għeruq għandna l-kelma *sajjied.*

(4) ESMAL—xellug jew tramuntana—Ix-xellug u t-tramuntana kienu xorta waħda għax in-nies tal-qedem meta kienu jduru lejn il-lvant biex jitolbu kien ikollhom it-tramuntana n-naħa tax-xellug.

(5) Hawn bħal-Lhudi m'għandniex ittra għal-leħen artab ta' *th* u tqiegħed xin minflokha.

(6) *Jien jassart,* Falzon jgħid *siba* jfisser *jassar.*

**T**

F'dan il-kliem insibu ħafna it-T. marbuta. NR nar; nar t'Alla (ix-xemx) NRT ELM.

| *R.X.* | *M.* | *R.X.* | *M.* | *R.X.* | *M.* |
|---|---|---|---|---|---|
| TĦTK | taħtek | TBĦ | tebaħ (sajjar) | ETGħNK(2) | tagħn |
| TSGħM | disgħin | TTĦNN | titħan | | |
| TB | tajjeb | TTLB(1) | titlob | | |

| **U** | | **Z** | |
|---|---|---|---|
| UHM | u huma (wuhuma) | IZBR (3) | jiżbor |
| UTGħN | u tgħanni | ZT | żejt. |
| UTSĦ | u ssieħ (wissieħ) | MZMR ZMR | nżammar iż-żummara. |

(1) Din il-kelma nsibuha biss fl-Għarbi, fil-Malti u f'R.X.

(2) F'xi dizzjunarji Maltin insibu li *tagħn* tfisser l-uġigħ fil-ġenb wara daqqa b'xi tgħan. Il-konġunzjoni U f'R. X. insibuha magħquda mal-kelma ta' warajha u ħafna drabi ma nsibuhiex.

(3) F'din il-kelma l-B ma nsibuha fl-ebda lsien semi, ħlief f'R.X., fil-Malti, u fil-Lhudi. Il-Lhudi jqiegħed M. minflokha.

It-tifsir ta' dan il-kliem li semmejna hu ċar mill-kontest li qegħdin fih. Minbarra dawn kliem ieħor li milli jidher jaqbel ma' kliem Malti: *berraq, fqir, ħut, leħen, tin,* imma t-Twavel li jinstabu fuqhom miksura wisq biex jingħarfu xi jfissru mill-kontest.

*Maqlub fil-Malti minn*

KARMENU SANT.

(Student tal-Letteratura.)